14 ta' Mejju, 1951.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Giuseppe Galea *versus* Antonio Hili

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Ħanut.**

*Biex tiġi stabbilita n-natura ta' fond, jekk ċjoè huwiex kummerċjali jew le, b'mod li għandu jiġi klassifikat taħt l-isem ta' "ħanut" fis-sens tal-Liġi tal-Kera, hemm bżonn li tiġi eżaminata d-destinazzjoni prinċipali u preponderanti għal fejn il-post ġie mikri.*

*Jekk minn dak l-eżami jidher li l-fond huwa prinċipalment destinat għall-abitazzjoni, ma jaqgħax taħt id-definizzjoni li l-liġi tal-kera tagħti lill-ħwienet; u għalhekk dak il-fond ma jgawdix il-protezzjoni li dik il-liġi tagħti lill-ħwienet.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors quddiem il-Board li jirregola l-Kera f'Għawdex, fejn Giuseppe Galea talab li jerġa' jieħu taħt idejh il-fond nru. 63, 64 u 65, Church Street, Xagħra, għax għandu bżonnu għall-użu tiegħu;

Rat ir-risposta ta' l-intimat, fejn eċċepixxa illi l-fond imsemmi fir-rikors huwa adibit bħala parti minn negozju ta' l-esponent, kif l-attur jaf li ilu ħafna; u bla preġudizzju l-attur għandu familja żgħira ta' tnejn min-nies u qiegħed komodament igħix fil-fond fejn joqgħod;

Rat is-sentenza mogħtija minn dak il-Board, li biha ġiet miċħuda t-talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidra;

Illi mill-provi prodotti rriżulta illi l-post imsemmi fir-rikors, konsistenti f'entrata, żewġ kmamar laterali, maqjel u għorfa fuq, hu mniffed ma' ħanut tal-merċa ta' l-intimat. Fil-kmamar t'isfel ġie pruvat li l-intimat iżomm il-merkan-

zija u fajjenza, u gie ii anki jdaħħal fihom xi nies biex jagħżlu l-merkanzija li jridu jixtru; mentri f'għorfa ta' fuq jużah biex jorqod hu u bintu, mentri martu u erbat itfal oħra joqgħodu go post ieħor, numru 66, Victory Square, fejn għandhom il-mobbli u fejn għandhom ukoll ħanut tax-xorb;

Gie pruvat illi l-intimat ilu jagħmel dana l-użu mill-fond imsemmi minn kemm ilu għandu, ċjoè xi 23 sena. Infatti l-fond, sa xi sitt snin ilu, kien qiegħed għandu b'rahan, u meta xtrah ir-rikorrent dan krihulu bis-£7 fis-sena;

Mill-fatt li l-biċċa l-kbira ta' dana l-fond hu wżat bħala "store", u kamra waħda hija użata għall-abitazzjoni, u mill-fatt illi l-maggur parti tal-familja ta' l-intimat torqod banda oħra jidher illi l-użu principali li qiegħed jagħmel l-intimat mill-fond hu għan-negozju, u għalhekk jaqa' taħt id-definizzjoni tal-kelma "ħanut" kif mogħtija fl-art. 2 tal-Liġi tat-Tiġdid tal-Kera, Kap. 109;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Giuseppe Galea quddiem din il-Qorti, fejn talab li l-imsemmija deċiżjoni tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Ikkunsidrat fil-meritu;

Illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti.........;

Illi biex tiġi stabbilita n-natura tal-fond in kwistjoni hemm bżonn li tiġi eżaminata d-destinazzjoni principali u preponderanti għal fejn il-post ġie mikri (Appell 21 ta' Mejju 1945 in re "Farrugia vs. Storace" — Kollez. Vol. XXXII—I—238);

F'dan il-każ il-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni l-kundizzjonijiet tal-post u l-fatt li tnejn mit-tlitt ikmamar kienu adibiti għall-irqad meta saret il-lokazzjoni, flimkien mal-fatt l-ieħor li l-familja ta' l-appellat hija komposta minn sebgħa min-nies, għandu jiġi ritenut li d-destinazzjoni principali kienet għall-abitazzjoni. Għalhekk, kuntrarjament għal dak li sostna l-Board fis-sentenza appellata, dak il-fond ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' "ħanut" fis-sens tal-liġi hemm ċitata;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant xehed li jrid il-post għalih, għaliex fejn joqgħod ma jesgħux, mentri l-appellat għandu post ieħor viċin għad-dispożizzjoni tiegħu. Għalhekk ma hemmx raġuni biex it-talba ta' l-appellant ma tigix milqugħa;

Għar-raġunijiet fuq imsemmija;

Tilqa' l-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talba preżentata mill-appellant Giuseppe Galea quddiem il-Board tal-Kera fil-21 ta' Awissu 1950; u tagħti lill-appellat Hili ż-żmien ta' xahar biex jiżgombra mill-post fl-istess talba msemmi. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi ma jiġux taxxati bejn il-kontendenti, iżda d-dritt tar-registru jitħallas mill-intimat Hili.